— iżżomm l-effetti tar-Regolament (UE) Nru 1385/2013 sad-dħul fis-seħħ ta' regolament ġdid ibbażat fuq il-bażijiet legali xierqa;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni titlob l-annullament tar-Regolament (UE) Nru 1385/2013 li l-Kunsill adotta fuq il-bażi legali tal-Artikolu 349 TFUE.

Il-Kummissjoni tikkritika lill-Kunsill talli adotta dan ir-regolament filwaqt li hija kienet ipproponiet li dan l-att jiġi bbażat fuq bażijiet legali settorjali, jiġifieri l-Artikoli 43(2) u 168(4)(b) TFUE.

Hija tqis li, skont l-iskop u l-għan tar-regolament ikkontestat, l-Artikolu 349 TFUE ma jistax jintuża b'mod validu bħala bażi legali. Dan l-aħħar Artikolu 349 TFUE japplika biss meta jkun hemm deroga mill-prinċipju ta' applikazzjoni tad-dritt primarju għar-reġjuni ultraperiferiċi, kif stabbilit fl-Artikolu 355(1) TFUE. Issa, kulma jagħmel ir-regolament inkwistjoni, mingħajr ma jidderoga mit-Trattati, huwa li jadatta d-dritt sekondarju sabiex jirrispondi għas-sitwazzjoni maħluqa bil-bdil tal-istatus tal-Majott. Din l-interpretazzjoni hija appoġġata mhux biss mill-formulazzjoni tal-Artikolu 349 TFUE, iżda wkoll mis-sistema tal-bażijiet legali tat-Trattat, kif ukoll mill-oriġini storiċi ta' dan l-artikolu.

(1) ĠU L 354, p. 86.

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2014 – Il-Parlament Ewropew vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-136/14)**

(2014/C 175/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: J. Rodrigues u L. Visaggio, aġenti)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-Direttiva tal-Kunsill 2013/64/UE, tas-17 ta' Diċembru 2013, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/271/KEE u 1999/74/KE, u d-Direttivi 2000/60/KE, 2006/7/KE, 2006/25/KE u 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, wara l-emenda tal-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea [1]

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Parlament Ewropew jitlob l-annullament tad-Direttiva 2013/64/UE li l-Kunsill adotta fuq il-bażi legali tal-Artikolu 349 TFUE.

Skont il-Parlament, l-għażla tal-bażi legali tal-Kunsill hija żbaljata, peress li l-miżuri li huma s-suġġett tad-direttiva kkontestata jagħmlu parti mill-attribuzzjonijiet tal-Unjoni skont il-politiki differenti komuni. Għalhekk, dawn il-miżuri kellhom jiġu adottati skont bażijiet legali settorjali dwar l-oqsma tal-ambjent, tal-agrikoltura, tal-politika soċjali u tas-saħħa pubblika, jiġifieri skont l-Artikoli 43(2), 114, 153(2), 168 u 192(1) TFUE u mhux skont il-bażi tal-Artikolu 349 TFUE.

Għall-Parlament, miżuri li ma għandhomx bħala għan li jindirizzaw restrizzjonijiet ta' natura ekonomika jew soċjali li qiegħed iġarrab reġjun ultraperiferiku permezz ta' deroga mill-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-Unjoni fir-reġjun ikkonċernat, ma jistgħux validament jiġu adottati skont il-bażi legali tal-Artikolu 349 TFUE. Għalhekk, ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu, miżuri li huma intiżi biss li jipprorogaw l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għal reġjun ultraperiferiku.

(1) ĠU L 353, p. 8

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen săd Sofia-grad (il-Bulgarija) fit-28 ta' Marzu 2014 – Direktor na Direktsia "Migratsia" pri Ministerstvo na vătreshnite raboti vs Bashir Mohamed Ali Mahdi**

**(Kawża C-146/14)**

(2014/C 175/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen săd Sofia-grad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Direktor na Direktsia "Migratsia" pri Ministerstvo na vătreshnite raboti

*Konvenut:* Bashir Mohamed Ali Mahdi

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 15(3) u (6) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (1), moqri flimkien mal-Artikoli 6 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, dwar id-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju u għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   a) jekk, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru inkwistjoni, awtorità amministrattiva tkun obbligata tirrevedi kull xahar iż-żamma f'detenzjoni amministrattiva, mingħajr ma tkun espliċitament obbligata tadotta att amministrattiv, u jekk din l-awtorità nazzjonali tkun obbligata tipproduċi *ex officio* quddiem il-qorti l-lista taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li nżammu f'detenzjoni għal żmien itwal mit-tul legali tad-detenzjoni inizjali, minħabba li jkun hemm ostakoli għat-tneħħija tagħhom, l-imsemmija awtorità amministrattiva tkun obbligata tadotta, fid-data meta tintemm id-detenzjoni prevista mid-deċiżjoni individwali ta' detenzjoni inizjali, att espliċitu sabiex tiġi rriveduta d-detenzjoni fid-dawl tar-raġunijiet għall-estensjoni tat-tul tad-detenzjoni previsti mid-dritt tal-Unjoni, jew tkun obbligata tordna li l-persuna kkonċernata tinħeles mid-detenzjoni?

   b) jekk, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru inkwistjoni, il-qorti adita jkollha s-setgħa li tordna l-estensjoni tad-detenzjoni amministrattiva, li tissostitwixxiha b'miżura inqas oneruża għal-libertà jew li tordna li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jinħeles mid-detenzjoni, fejn din is-setgħa tiġi eżerċitata wara li jintemm it-tul massimu tad-detenzjoni inizjali bil-għan tat-tneħħija skont l-imsemmi dritt nazzjonali, l-imsemmija qorti tkun obbligata teżerċita, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, stħarriġ tal-legalità ta' att ta' reviżjoni tad-detenzjoni li jindika raġunijiet ta' dritt u ta' fatt dwar il-ħtieġa li tiġi estiża d-detenzjoni u dwar it-tul tagħha, filwaqt li tiddeċiedi fil-mertu sabiex tordna l-estensjoni tad-detenzjoni, miżuri li jissostitwixxu d-detenzjoni jew li l-persuna kkonċernata tinħeles mid-detenzjoni?

   c) jekk att ta' reviżjoni tad-detenzjoni amministrattiva jindika biss ir-raġunijiet għaliex ma huwiex possibbli li tiġi eżegwita d-deċiżjoni ta' tneħħija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu lill-qorti adita li teżerċita stħarriġ tal-legalità ta' dan l-att fid-dawl tar-raġunijiet għall-estensjoni tat-tul tad-detenzjoni previsti mid-dritt tal-Unjoni, u, filwaqt li tibbaża ruħha biss fuq fatti u provi prodotti mill-awtorità amministrattiva, kif ukoll fuq oġġezzjonijiet u fatti ppreżentati miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, li tiddeċiedi fil-mertu billi tagħti deċiżjoni li tordna l-estensjoni tad-detenzjoni, miżuri li jissostitwixxu d-detenzjoni jew li l-persuna kkonċernata tinħeles mid-detenzjoni?